**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 185/01JR**

**Elmo Insurance Agency Ltd.**

**vs**

**Leonard Cole**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Marzu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u hames liri Maltin sitta u hamsin centezmu (Lm105.56), dovuta bhala premium fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga favur tieghu u dana skond id-Dok.A anness ma' l-avviz;**

**Il-konvenut gie kemm-il darba interpellat biex ihallas u sa anke saritlu ittra legali (Dok.B) fl-4 ta' Dicembru, 2000, izda ta' xejn. Ghalhekk il-kumpanija attrici qieghda taghmel din il-kawza li biha qieghda titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-kumpanija attrici l-imsemmija somma ta' mija u hames liri Maltin sitta u hamsin centezmu (Lm105.56), dovuta kif fuq inghad, bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali (Dok.B) u bl-imghax tat-tmienja fil-mija mill-1 ta' Mejju, 2000, data ta' meta nharget l-ewwel darba l-invoice dwar is-somma dovuta. Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. David H. Harding ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont intier ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hames liri Maltin sitta u hamsin centezmu (Lm105.56), bl-imghaxijiet tat-tmienja fil-mija mill-1 ta' Mejju, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**